MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2022

Appell Inferjuri Numru 102/2021 LM

**Antoine Sciberras (K.I. nru. 121072(M))**
*('l-appellat')*

***vs*.**

**MAPFRE Middlesea p.l.c. (C 5553)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **MAPFRE Middlesea p.l.c. (C 5553)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] mogħtija fit-13 ta' Settembru, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha ddeċieda li jilqa' limitament l-ilment tar-rikorrent **Antoine Sciberras (K.I.**

**nru. 121072(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], u *ai termini* tas-subinċiż (iv) tal-para. (c) tas-subartikolu 26(3) tal-Kap. 555 tal-Liġijiet ta' Malta ordna lis-soċjetà appellanta sabiex tħallas lill-appellat is-somma ta' €1,300.00, bl-imgħax mid-data tad-deċiżjoni appellata sad-data tal-ħlas effettiv, u l-ispejjeż ta' dik il-proċedura.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw talba li saret mill-appellat mas-soċjetà appellanta taħt il-polza ta' assikurazzjoni tad-dar maħruġa minn din tal-aħħar, li rrifjutat li taċċetta r-responsabbiltà li tindennizza lill-appellat skont l-imsemmija talba.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellat għalhekk ippreżenta ilment quddiem l-Arbitru fid-9 ta' Jannar, 2020 fejn iddikjara li *"Qiegħed infittex il-kumpens kollu għal din il-ħsara li naqlgħet mingħajr mistennija, u għalhekk għal ammont kollu ta' €1,300 kif deskritt fid dokument dettaljat li ntbgħat lil MiddleSea".*

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fis-27 ta' Jannar, 2020 billi ssottomettiet li hija kienet qegħda tirrespinġi l-pretensjonijiet tal-appellat stante li t-talbiet tiegħu kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għar-raġunijiet li hija spjegat fir-risposta tagħha.

## Id-deċiżjoni appellata

5. It-Tribunal ikkonsidra dan li ġej rilevanti għall-appell odjern:

***Jikkonsidra***

***L-Arbitru jrid jiddeċiedi l-ilment b'referenza għal dak li, fil-fehma tiegħu, huwa ġust, ekwu u raġonevoli fiċ-ċirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-każ.*** *(fn. 1 Kap. 555, Art. 19(3)(b))*

*L-ilmentatur jgħid li l-ħsara li ġarrab fil-madum tal-kamra tal-banju seħħ mingħajr ma kienu qed jistennew u ma ġarax minħabba xi negliġenza min-naħa tiegħu jew minħabba* 'wear and tear'*.*

*Min-naħa tiegħu, il-provditur tas-servizz jikkwota l-polza tal-assikurazzjoni u jsemmi diversi raġunijiet għall-kaġun tal-ħsara fosthom:*

**'movement, settlement, lack of faulty maintenance, atmospheric or climatic conditions'** *(fn. 2 A Fol. 42)*

*Dawn huma indikati fir-risposta bħala kwotazzjoni mill-polza u pprintjati b'linka skura. Jgħid ukoll li l-ħsara seħħet gradwalment u ħsara li sseħħ gradwalment mhix koperta. Barra minn hekk, l-ilmentatur ma ħax passi immedjati u ma infurmax lill-provditur tas-servizz immedjatament kif ra l-ħsara u, għalhekk, ma llimitax il-ħsara.*

**Il-Verżjoni tal-Ilmentatur**

*Fix-xhieda tiegħu quddiem l-Arbitru (fn. 3 A Fol. 79-81) l-ilmentatur spjega kif ra xi xquq fi ftit madum u għall-bidu ħaseb li din kienet ħsara biss fi ftit madum. Għalhekk stenna ftit biex jara x'ser jiġri għax, fi kliemu, kieku l-ħsara kienet ser tkun waħda żgħira lanqas biss kien jagħmel* claim *mal-assikurazzjoni.*

*Iżda matul is-sena ra li din kien qed ikollha* 'ripple effect' *u beda jinqala' aktar madum. Però, il-madum li nqala' kien mill-bordura 'l fuq. Il-perit tiegħu kien ikkonferma li kellu jibdel dan il-madum għaliex kien ta' periklu għalihom.*

*Meta ġie tal-madum u beda jaqla' maduma, bdew jinqalgħu xi tnejn oħra magħha. Fejn kien hemm il-ħsara irranġawh billi bidel il-madum, u fejn ma kienx hemm ħsara ħallewh kif kien. Is-sink kien faqqa' wkoll u ma kienx jaf kif anke s-sink faqqa'. Wara li ġab lill-perit għamel lista tal-affarijiet li nefaq u għamel il-*claim*. Il-*claim *kienet xi 80% fil-mija biss għaliex mhux kulħadd tah riċevuta meta ħadmulu.*

*Tal-madum ma tahx raġuni għalfejn beda jinqala' l-madum. L-assikurazzjoni qaltlu li nqala' minħabba '*bad workmanship'*. Hu ma jaqbilx ma' dan għax il-madum kien ilu mwaħħal xi 18-il sena u qatt ma nqala' qabel.*

*Jgħid ukoll li l-ħsara ma seħħitx minħabba xi* leakage *tal-ilma għax kieku kienu jaraw xi sinjali tal-ilma. Ma kienx '*bad workmanship' *għaliex l-istess persuna waħħlitlu madum ieħor f'kamra tal-banju oħra li ma ġralha l-ebda ħsara.*

*Jgħid li min kien qed jaqlalu l-madum qallu li kieku l-madum kien imwaħħal ħażin kien jinqala' qabel. Ħadd ma qallu x'kienet ir-raġuni li nqala', lanqas il-perit.*

*Dwar dak li qaltlu l-assikurazzjoni, li kien għamel il-*claim *tard, spjega li hu qatt ma basar li l-madum kien ser jieħu kollu. Dawk it-tliet madumiet li qabżu 'l barra ħallihom għax ma kinux ta' periklu. Kieku kienu dawk it-tliet madumiet biss kien iħallihom imma meta nfirex ried isib soluzzjoni għaliex qalulu li kien ta' periklu.*

*Minn meta mbuzzaw it-tliet madumiet sakemm infirex il-madum għaddew xi disa' xhur. Dan ikkonfermah anke waqt il-kontroeżami meta qal li filwaqt li l-ewwel darba li nduna bit-tliet madumiet kien f'Awwissu 2018, il-ħsara nfirxet f'daqqa lejn l-aħħar tal-istess sena. Jammetti li ma ċempilx lill-assikurazzjoni mill-ewwel, però, dan għamlu għaliex l-ewwel ried jara x'kien ser jgħidlu tal-madum u ma ġietux f'rasu li ċemplilhom.*

*Il-*claim *għamilha meta kellu l-irċevuti kollha, u wara li l-perit tiegħu lesta l-*condition report. *Jgħid li tħabat mhux ħażin biex isib iqabbel il-madum ta' 'l fuq mill-bordura u qatt ma basar li għax ra tliet madumiet imqabbża kien ser jiġi bżonn jagħmel* claim.

***Il-Verżjoni tal-Provditur tas-Servizz***

*Għall-provditur tas-servizz xehed biss il-**Perit Alfred Grech** li spjega lill-Arbitru li hu ma kienx spezzjona l-post u r-rapport li għamel lill-provditur tas-servizz kien lestih lejliet is-seduta. Xehed li hu kien ra r-rapport u r-ritratti tal-perit tal-ilmentatur u kkummenta fuqhom.*

*Għalih kien iċċaqlaq il-bini għaliex anke bini li jkun ilu mibni jista' jistrieħ u jiċċaqlaq. Il-konkrit jibqa' jinxef sa 50 sena. Mir-ritratti seta' jara l-ħajt imbewwaq 'il barra, jidher li l-ħajt kollu inqata' u l-perit tal-ilmentatur qalilhom li kien hemm il-periklu u ma jużawx il-kamra tal-banju.*

*Peress li l-bini jespandi, min iwaħħal il-madum irid ihalli ftit spazju fl-aħħar biex il-madum ikollu fejn jagħmel il-moviment. Jgħid li ġaladarba l-madum inqala' ma kienx fih* adhesive. *Però, bħala prassi, 20 sena ilu ma kinux isiru* expansion joints.

*Jgħid li l-każ tal-ilmentatur ma kienx* wear and tear *iżda ċaqliq tal-bini li ħadd m'għandu kontroll fuqu. La l-madum inqala' sħiħ u mhux inqasam ifisser li ma kellux* adhesion.

*Però, jiddikjara li:*

'Il-fatt li serva tmintax-il sena, ngħid li bħala tiler, ħadem kif naħdmu normali. Li qed ngħid hu li bil-building movement, il-ħajt nqala' kollu'*. (fn. 4 A Fol. 87)*

*Jispjega li għalkemm kmamar oħra ma ġralhom xejn,*

'meta għandek stresses, it is a very complex thing … ċerti areas ikollhom stress u areas oħra ma jkollhomx stress'.

*Dwar ir-raġuni tal-ħsara huwa jikkonkludi li għalih l-aktar raġuni plawsibbli kienet li straħ jew iċċaqlaq il-bini iżda*

*'*ngħid li ma nistax nispjegaha fis-sens li it is very complex and I do not see any other plausible reason*.' (fn. 5 A Fol. 88)*

***Prova tad-dannu u tal-esklużjonijiet tal-polza***

*L-assikurat għandu jipprova d-dannu li ġarrab u li dan id-dannu huwa kopert bil-polza. Min-naħa l-oħra, l-esklużjonijiet li permezz tagħhom il-provditur tas-servizz jiġġustifika ir-rifjut tal-*claim *a bażi tal-istess esklużjonijiet, irid jippruvahom il-provditur tas-servizz.*

*F'dan ir-rigward, il-Qrati tagħna sostnew li ġaladarba l-kuntratt ta' assikurazzjoni huwa kuntratt bilaterali ibbażat fuq l-assikurazzjoni ta' riskju determinat, sabiex l-assikurazzjoni ma tħallasx għad-danni kkaġunati minn dak ir-riskju għax hemm esklużjoni fil-polza li tiġġustifika r-rifjut ta'* claim*, l-assikurazzjoni trid tipprova dan skont il-fatti tal-każ.*

*Hekk, per eżempju, fis-sentenza fl-ismijiet* **Randolph Muscat u martu Carmen vs Citadel Insurance plc**, *(fn. 6 QA (inf), 16/03/2018) il-Qorti tal-Appell iddeċidiet li l-assikurazzjoni ma kienx irnexxielha tipprova l-esklużjonijiet li a bażi tagħhom irrifjutat il-*claim*.*

*L-Arbitru ser jimxi ma' dan il-prinċipju li llum hu stabbilit kullimkien anke f'ġurisdizzjonijiet barranin, u ser jara jekk l-ilmentatur irnexxilux jipprova li ġarrab dannu li hu assikurat u jekk l-assikurazzjoni irnexxilhiex tipprova l-esklużjonijiet li qed tressaq.*

***Prova tad-dannu***

*M'hemmx dubju li d-dannu li qed jgħid li sofra l-ilmentatur hija l-ispiża li hu għamel minħabba ħsara li ġratlu fil-madum tal-kamra tal-banju peress li xi madum inqala' u xxaqqaqlu s-sink tal-istess kamra. L-assikurazzjoni mhix tikkontesta li dannu bħal dan mhux assikurat iżda tinsisti li dan id-dannu huwa eskluż taħt l-esklużjonijiet ġenerali tal-polza u taħt is-sezzjoni* Buildings and Contents. *Ma tgħidx li d-dannu ma seħħx jew ma kienx assikurat.*

*Għalhekk, l-Arbitru jqis li l-ilmentatur irnexxielu jipprova li d-dannu kien assikurat iżda jibqa' li l-Arbitru jrid jara jekk dan ir-riskju huwiex kolpit bl-eskluzjonijiet tal-polza kif qed tinsisti l-assikurazzjoni.*

***Prova tal-esklużjonijiet***

*Il-provditur tas-servizz jagħti diversi raġunijiet għalfejn qed jirrifjuta l-*claim *billi jikkowta klawsola (iv) ta' paġna 13 tal-polza, fejn jindika b'tipa skura:*

**'movement, settlement ... the lack of or faulty maintenance … atmospheric conditions,'** *(fn. 7 A Fol. 42)*

*u jsemmi wkoll*

'due to **differential thermal changes in the building structur**e between the colder and the hotter months, stresses build across the walls causing building movement that cause the detachment of the wall tiles from the backing wall ... *(fn. 8 A Fol. 12)'.*

*Jikkwota wkoll klawsola 3 tal-*General Conditions *li:*

'As soon as **you** become aware of an event or cause that may lead to a claim under this **policy** you or your legal representative must:

i. Tell **us** immediately and provide **us** at **your** expense all the information and help **we** need.'

*Ukoll, f'sezzjoni 1 ta' paġna 4 tal-polza, taħt* Buildings and Contents *hemm:*

'We will not cover or pay for loss or damage:

i. Which happens gradually or is caused by smoke ...'

*L-Arbitru ra sew il-korrispondenza li għaddiet bejn l-ilmentatur u l-provditur tas-servizz qabel sar l-ilment quddiem l-Arbitru fid-9 ta' Jannar 2020. L-Arbitru jinnota li l-ewwel reazzjoni tal-provditur tas-servizz għall-*claim *li għamel l-ilmentatur kienet f'email datat 27 ta' Novembru 2019, fejn ir-raġunijiet li ssemmew b'tipa grassa kienu:*

'**defective or poor design or workmanship ... or climatic conditions**'. *(fn. 9 A Fol. 21-22)*

*Wara li l-ilmentatur ikkontesta dawn ir-raġunijiet (fn. 10 A Fol. 20-21) għaliex qal li kieku kien hemm* 'bad workmanship' *il-madum kien jinqala' qabel u l-*'climatic conditions' *ma nbidlux, il-provditur tas-servizz wieġeb (fn. 11 A Fol. 19) li skont il-perit tiegħu reġa' sostna li:*

'due to differential thermal changes in the building structure between the colder and the hotter months, stresses build across the walls causing building movement that cause the detachment of the wall tiles from the backing wall, with the result that the tiles arch outwards.'

*Imbagħad, quddiem l-Arbitru, il-perit imqabbad mill-istess provditur tas-servizz jagħmel l-akbar enfasi fuq il-moviment tal-bini u ma jsemmix raġunijiet klimatiċi iżda aktar li l-konkrit idum ma jinxef u jkun* stress *fuq il-bini li jġiegħel lill-madum jiċċaqlaq.*

*Dwar jekk it-*tile layer *kienx ħadem sew, l-istess perit filli jgħid li kellu jsir l-*adhesive *mal-madum, u filli jgħid li fiż-żmien li twaħħal il-madum, it-*tile layer *uża l-prassi ta' dak iż-żmien.*

*Barra minn hekk, il-perit imqabbad mill-provditur tas-servizz la għamel aċċess fuq il-post in kwistjoni u wkoll xehed b'mod ġeneriku u qal x'jista' jiġri f'ċirkostanzi simili aktar milli kien speċifiku dwar il-każ in kwistjoni.*

*Mill-assjem tal-provi imressqa mill-provditur tas-servizz, l-Arbitru ma jistax ma jinnotax kif il-provditur tas-servizz l-ewwel beda r-rifjut fuq żewġ istanzi mislutin mill-*exclusions *ġenerali tal-polza, imbagħad, il-perit inkarigat minnu stess ma ħariġx bl-istess verżjoni.*

*Għalhekk, ir-raġunijiet li tat l-assikurazzjoni, jiġifieri, dawk imsemmija f'paġna 13 taħt* General Exclusions (iv) *ma ġewx ippruvati.*

*Il-provditur tas-servizz jgħid ukoll li skont sezzjoni 1 ta' paġna 4 tal-polza, taħt* Buildings and Contents *hemm:*

**'We will not cover or pay for loss or damage:**

**i. Which happens gradually or is caused by smoke …'**

*Il-ħsara li ġarrab l-ilmentatur kienet tikkonsisti kemm fil-madum tal-kamra tal-banju* ***kif ukoll fis-*****sink** ***tal-istess kamra.***

*Jgħid li l-ewwel li nduna li tliet madumiet kienu żbuzzaw 'il barra u* ***kien hemm ukoll faqqatura fis-sink.***

*Ħadd mill-periti mqabbda mill-partijiet ma ta raguni konkreta u speċifika tal-kawża tad-dannu, però, li hu żgur hu li f'Settembru 2018, l-ilmentatur ra madum kemm imċaqlaq minn postu (imbuzzat) kif ukoll faqqatura fis-sink. Din il-faqqatura fis-sink hija xi ħaġa indipendenti minn kif seta' kien imwaħħal il-madum u, għalhekk, huwa probabbli li ġara xi ħaġa aċċidentali li affettwat kemm il-madum kif ukoll is-sink.*

*Għalhekk il-kawża tad-dannu seħħet fil-mument jew ftit qabel ma l-ilmentatur induna b'dan. Il-fatt li l-ħsara infirxet ma' aktar madum ma jfissirx li l-**kawża tal-ħsara** li seħħet fil-madum u fis-sink ġrat gradwalment.*

*Il-madum qatt ma kien inqala' qabel; is-*sink *qatt ma faqqa' qabel, u dan juri li l-kawża tal-ħsara kienet waħda aċċidentali u, għalhekk, koperta bil-polza.*

*Tajjeb li jingħad li l-***proximate cause** *ta' aċċident mhux bilfors li jkollha l-effett tagħha b'mod immedjat u l-effett ta'* **proximate cause** *jista' jieħu anke ż-żmien biex javvera ruħhu.*

*Il-*proximate cause *hija dik li effettivament ħolqot id-dannu.*

*John Birds fil-ktieb* Birds Modern Insurance Law *(fn. 12 (Sweet and Maxwell, 2016) 264) jgħid:*

'The proximate cause does not, however, mean the last cause but the effective or dominant or real cause. Working out what is the proximate cause in any situation is strictly a question of fact'.

*Għalhekk wieħed irid iħares lejn il-polza speċifika tal-każ u l-fatti u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-istess każ.*

*Fil-polza '*accidental damage' *huwa definit bħala:*

'**damage caused suddenly and unexpectedly by external means other than your deliberate act**.'

*L-ilmentatur ipprova li l-madum kien ilu mwaħħal 18-il sena, u f'dan il-perijodu kollu qatt ma kellu xi problema fih. Ix-xhieda tiegħu, li mhix kontradetta, hija fis-sens li l-kawża tal-ħsara ġrat f'mument partikolari kemm fil-madum u kemm fis-sink; u l-fatt li stenna biex jagħmel il-*claim *kien dovut għall-fatt li, peress li l-ewwel sinjali tal-ħsara kienu insinifikanti, kieku l-ħsara waqfet hemm lanqas biss kien jagħmel* claim*. Imma l-ħsara li seħħet f'mument partikolari kompliet tinfirex. Il-provditur tas-servizz ma ġab l-ebda prova li l-ħsara saret b'mod deliberat mill-ilmentatur imma semmiet raġunijiet oħra kif spjegat aktar 'il fuq f'din id-deċiżjoni.*

*Kif qalet sew il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet* **Salvatore Sammut vs Middle Sea Insurance p.l.c.,** ***QA, 14/05/2004****, (fn. 13 QA, 14/05/2004) huma dawn ir-riskji aċċidentali li huma l-qofol tal-kuntratt tal-assikurazzjoni:*

'Kif ingħad hawn fuq bil-ħruġ tal-polza ta' assikurazzjoni s-soċjetà assikuratriċi tassumi l-obbligu li tindenizza lill-assikurat tagħha għall-event futur dannuż. Din l-obbligazzjoni għalhekk hija waħda każwali billi tagħmel l-obbligazzjoni tiddependi minn ġrajja ta' bla ħsieb li ma tkunx fis-setgħa la tad-debitur u lanqas tal-kreditur.'

*F'dan il-każ jirriżulta b'mod ċar li l-ilmentatur sofra dannu kemm fil-madum kif ukoll fis-sink minħabba xi raġuni li hu ma kellux kontroll fuqha. Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz ma rnexxilux jipprova b'mod konkret u speċifiku l-esklużjonijiet li hu semma.*

*Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell, l-Arbitru mhux tenut li jidħol fi kwistjonijiet oħra u jipprova jsib hu xi raġuni oħra biex l-assikurazzjoni ma tonorax il-*claim*:*

'Ovvjament m'huwiex il-kompitu tal-qorti biex tikkunsidra jekk kienx hemm xi exclusion oħra li kellha tapplika għall-każ in eżami. Il-qorti trid tibbaża d-deċiżjoni fuq id-difiża li ngħatat mill-konvenuta u mhux tfittex xi raġuni differenti minn dik li tat il-konvenuta fit-tweġiba li ppreżentat.' *(fn. 14 Randolph Muscat u martu Carmen vs Citadel Insurance plc, QA, 16/03/2018)*

*L-Arbitru li fuq kollox irid jasal għad-deċiżjoni fuq dak li hu ġust, ekwu u raġonevoli, ma jistax ma jinnutax l-aġir tal-ilmentatur li kif dovut minn kull assikurat, illimita t-talba tiegħu għad-danni billi bidel biss dak il-madum li kien meħtieġ u salva l-madum l-ieħor li ma ġratlux ħsara. F'kelma waħda, ma approfittax ruħhu mill-inċident li kellu sabiex jagħmel kamra tal-banju ġdida iżda talab biss għad-dannu attwali li sofra."*

## L-Appell

6. Is-soċjetà appellanta ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni appellata tal-Arbitru, u fl-1 ta' Ottubru, 2021 intavolat appell fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tirrevokaha, u minflok tiċħad it-talbiet kollha tal-appellat u tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi. Hija qegħda tressaq dawn l-aggravji: (a) l-appellat kien naqas mill-obbligi kuntrattwali tiegħu; (b) ma

tressqitx l-aħjar prova mill-appellat; u (ċ) id-deċiżjoni appellata mhijiex imsejsa fuq il-provi tekniċi.

7. L-appellat wieġeb fil-5 ta' Novembru, 2021, fejn għal dawk ir-raġunijiet li huwa jfisser fit-tweġiba tiegħu, jissottometti li d-deċiżjoni appellata hija korretta fattwalment u legalment, u għalhekk timmerita konferma, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellanta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellat, u tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata.

*l-ewwel aggravju: [l-appellat naqas mill-obbligi kuntrattwali tiegħu]*

9. L-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li l-Arbitru skarta għal kollox punt ta' importanza li hija kienet għamlet fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, fejn talbet sabiex jiġi kkunsidrat jekk l-appellat onorax jew le l-obbligu tiegħu taħt il-polza, li jinformaha mill-ewwel dwar il-ħsarat. Filwaqt li tiċċita l-para. 3 tal-*General Conditions* tal-imsemmija polza, tgħid li t-talba saret magħha tmintax-il xahar wara li dehru l-ewwel ħsarat fil-kamra tal-banju tal-appellat. Tgħid li m'hemmx dubju li l-appellat kien jaf bl-obbligi kuntrattwali tiegħu, u hawn hija tagħmel riferiment għall-kontro-eżami tiegħu fejn qal li huwa *'ma ġietux f'rasu'* li jinfurmaha. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija ġiet ippreġudikata b'riżultat tat-tardività tar-rapport tal-ħsarat, għaliex hija qatt ma kellha l-opportunità li tibgħat

perit tekniku sabiex jistabbilixxi l-ħsara u jagħmel evalwazzjoni tal-ħsara għall-fini tat-talba. Tikkontendi li ġaladarba l-appellat m'onorax l-obbligi tiegħu, hija kellha tiġi eżonerata mill-obbligi tagħha tal-ħlas taħt il-polza.

10. L-appellat jibda billi jsostni li m'hemm l-ebda raġuni għaliex id-deċiżjoni appellata għandha tiġi revokata, għaliex l-apprezzament magħmul mill-Arbitru sar b'mod metikoluż u kien wieħed korrett. Ikompli billi jgħid li mhux solitu li l-apprezzament tal-ewwel Qorti, fil-każ odjern l-Arbitru, jiġi disturbat fl-istadju tal-appell u dan iktar u iktar fejn *si tratta* ta' materja teknika. L-appellat hawn jagħmel riferiment għal żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) in sostenn tal-prinċipju nvokat minnu.[1] Minn hawn l-appellat jgħaddi sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet fir-rigward tal-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta. Jgħid li kif tajjeb ikkunsidra l-Arbitru fid-deċiżjoni appellata, l-ewwel ħsarat li dehru kienu ftit u insinifikanti, u ma kienux tali li setgħu jagħtu lok għal xi talba għal riżarċiment mis-soċjetà appellanta. Huwa hekk kif iddetermina l-entità u n-natura tal-ħsara li kienu jirrikjedu talba għal riżarċiment, li l-appellat għadda sabiex ippreżenta il-*claim* appożita. Stante l-urġenza tal-każ, huwa nkariga perit sabiex iħejji *condition report,* u sussegwentement informa lis-soċjetà appellanta fejn ippreżenta l-imsemmi rapport flimkien mal-irċevuti. B'hekk huwa kien onora l-obbligu kuntrattwali tiegħu meħud ukoll in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi u l-perikolu. Jgħid li m'hemmx dubju li l-*claim* hija koperta mill-polza, u li huwa kien għamel kollox sabiex jelimina l-perikolu imminenti, filwaqt li mminimizza l-ħsara. Jikkontendi li għalhekk huwa kien mexa b'kawtela u nforma lis-soċjetà appellanta hekk kif sar jaf bis-sitwazzjoni li setgħet twassal għal talba taħt il-polza.

[1] Joseph Cini *vs.* George Wells et, Q.A., 15.11.2004; Ġużepp Xiberras et *vs.* Ronnie Zahra, Q.a., 24.11.2017.

11. Il-Qorti tibda billi tindirizza l-ewwel sottomissjoni li jagħmel l-appellat fir-risposta tiegħu, fejn isostni li mhux solitu li l-apprezzament tal-provi magħmul minn qorti jew tribunal tal-ewwel grad, jiġi disturbat minn qorti tal-appell. Hija tikkondividi pjenament dan l-insenjament, iżda żżid tgħid li l-indħil ta' din il-Qorti huwa madankollu neċessarju fejn tirriżulta raġuni gravi u mpellenti li jekk tonqos li tiġi ndirizzata, tista' twassal għal preġudizzju serju lil xi parti. Huwa proprju sabiex il-Qorti tistabbilixxi jekk l-indħil tagħha huwiex rikjest, li hija ser tgħaddi sabiex tevalwa l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta.

12. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, il-Qorti tosserva li kien proprju fir-risposta tagħha quddiem l-Arbitru li s-soċjetà appellanta ressqet bħala eċċezzjoni l-kwistjoni tal-ksur tal-obbligu ta' rappurtaġġ f'waqqtu min-naħa tal-appellat. Iżda din il-Qorti ma taqbilx li l-Arbitru skarta għal kollox l-eċċezzjoni tagħha, għaliex fid-deċiżjoni appellata huwa saħansitra jagħmel riferiment għall-klawsola 3 tal-*General Conditions* kif jgħid li ġiet iċċitata mis-soċjetà appellanta. Huwa jagħmel ukoll riferiment għas-sezzjoni 1 tal-paġna 4 tal-polza, u jiċċita dak li jingħad hemm taħt *Buildings and Contents.* Imbagħad ikkonsidra l-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet qabel l-appellat ippreżenta l-ilment tiegħu quddiemu. Osserva li l-ewwel reazzjoni tas-soċjetà appellanta għat-talba li kien ippreżentalha l-appellat kienet f'*email* tas-27 ta' Novembru, 2019, fejn issemmew ir-raġunijiet għaċ-ċaħda tat-talba tiegħu kif imsejsa fuq is-sezzjoni (iv) f'paġna 13 tal-polza, fejn sar aċċenn għal ***'defective or poor design or workmanship...or climatic conditions'***. L-Arbitru mbagħad għadda sabiex investiga jekk mill-provi dan kienx il-każ.

13. Il-Qorti tosserva li l-kwistjoni ta' tardività fil-preżentata tat-talba tal-appellat taħt il-polza, kienet diġà ġiet irrilevata fl-*email* tal-Avukat Daphne Sims Dodebier fil-5 ta' Diċembru, 2019, fejn l-appellat irrisponda permezz tal-*email* tiegħu tal-istess jum li *"...I cannot understand your claim that I delayed the claim process. How could I have ever known that this problem was going to have a ripple effect on other tiles? Were I to claim on two tiles which arched in the first instance? That would have been riduculous to say the least".* Fil-kontro-eżami tiegħu[2], l-appellat tenna l-istess raġuni meta qal li *"onestament ma narax ir-raġuni li għax sibt maduma u taptapt fuqha u sibtha vojta jew għax ibbuzzaw tliet madumiet, inċempel lill-*insurer *u ngħidlu li jista' jkolli każ ta'* claim*".* Iżda spjega wkoll li huwa kien induna lejn l-aħħar tas-sena 2018 li l-ħsara kienet qegħda tinfirex fil-madum, iżda l-Qorti tosserva li huwa xorta waħda dam sat-23 ta' Settembru, 2019 sabiex ippreżenta t-talba tiegħu lis-soċjetà appellanta għall-ħlas tad-danni sofferti minnu fl-ammont ta' €1,338.86. L-appellat waqt l-istess xhieda in kontro-eżami spjega għaliex huwa naqas milli jinforma lis-soċjetà appellata mill-ewwel, billi qal *"...ngħid għax qabzitli dik",* u *"mistoqsi kontx naf li skont il-polza għandi l-obbligu li ninforma lill-*insurer *mill-ewwel bil-ħsarat, ngħid li din qabżitli lili".* Din il-Qorti tgħid li b'hekk l-appellat ma offra l-ebda raġuni valida għan-nuqqas tiegħu li jinforma lis-soċjetà appellanta mill-ewwel bil-ħsarat kostatati, kif huwa kellu d-dover jagħmel skont il-klawsola 3 tal-*General Conditions* tal-polza. Tirrileva li l-appellat saħansitra dam madwar disa' xhur qabel ma ppreżenta t-talba tiegħu formalment, u dan meta huwa kien tenut jagħti avviż mill-ewwel, saħansitra anki qabel ma jippreżenta talba formali għal rimbors tad-danni sofferti. Kif sewwa ssostni s-soċjetà appellanta, dan wassal

[2] Seduta tas-06.10.20 quddiem l-Arbitru.

sabiex hija tilfet l-opportunità li tikkonstata hija stess il-ħsarat anki permezz ta' perit tekniku kif inkarigat minnha, u b'hekk ġiet ippreġudikata l-pożizzjoni tagħha.

14. Il-Qorti għalhekk issib l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta mistħoqq u tilqgħu. Stante li dan ifisser li t-talba tal-appellat ma saritx b'mod regolari u għalhekk hija nvalida, il-Qorti ser tastjeni milli tikkonsidra l-aggravji l-oħra fuq il-mertu tal-każ odjern.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tilqgħu, filwaqt li tirrevoka d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Arbitru u dawk tal-appell odjern, għandhom ikunu a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**